# Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 563

Il-Ħamis, 31 ta’ Awwissu, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta’ Kerċem, fl-10:30am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻATI:

Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 563.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sur Frankie Attardtalab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 563.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 563.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

563.3.1 Irċevejna sabiex napplikaw għal Christmas in Gozo. Il-Kunsill qabel li nagħmlu t-train tal-Milied bħas-soltu, flimkien ma' Father Christimas. Is-Sindku semma li l-Kumitat tal-Festa għandhom ikellmuh ukoll sabiex jagħmlu xi ħaġa flimkien mal-Kunsill. Għalhekk ħa jitkellem magħhom u jressaqha fil-laqgħa li jmiss.

563.3.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi tkellimna ma' Abigail Micallef u aċċettat sabiex tattendi u tagħmel diskors waqt is-seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ nhar it-22 ta' Settembru 2023.

563.3.3 Is-SE qalet li qabbadna lir-restawratur James Licari sabiex ikompli r-restawr tan-niċċa tal-Madonna tal-Patri.

563.3.4 Is-Sindku qal li hu u s-SE attendew għal-laqgħa dwar l-istrateġija l-ġdida għal Għawdex bħala parti mill-inizzjattiva tal-Leader għas-snin 2023-2027.

563.3.5 Is-Sindku qal illi qed isir proġett ta' solidarjeta' ma' żgħażagħ Ukreni f'Għawdex fejn kull Kunsill ser ikun qed jieħu ħsiebhom għal ġurnata. Il-Kunsill tagħna ser jeħodhom dawra bit-train f'postijiet diversi u wara jmorru jieklu xi ħaġa.

563.3.6 Il-Pulizija bgħatu l-pjan ta' kif ser ikunu qed iqassmu r-raħal għan-Neighbourhood Watch. Dan ser jerġa' jiġi diskuss waqt laqgħa oħra mal-Pulizija.

## 563.4 Proġett tal-Għadira – Miżura 4

Is-Sindku qal li x-xogħol issa huwa lest. Li baqa' biss huma affarijiet amministrattivi.

## 563.5 Proġett Pjazza San Girgor

Wara ħafna laqgħat mal-Periti, is-Sindku qal li wasalna fl-aħħar fażijiet tal-pjanijiet

tal-Pjazza. Se nkunu qed indaħħlu ukoll Pjazza Salvatore Busuttil u n-naħa ta' fuq ta' Triq San Girgor bħala parti mill-proġett. Qed naħdmu ukoll sabiex jiġu eliminati l-wires tad-dawl minn mal-faċċati.

## 563.6 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

Peress li s-Sur George Refalo, li kien qiegħed jokkupa l-kariga ta' Deputat SE, issa m'għadux Segretarju Eżekuttiv, irridu naħtru lil xi ħadd ieħor. Ġie diskuss u deċiż li tinħatar is-Sinjura Heidi Grech u b'hekk ser navżaw lid-Dipartiment għal Gvern Lokali b'dan.

## 563.7 Fjakkolata u Symphony of Lights 2023

Is-Sindku qal li għaddejjin il-preparamenti għal dawn iż-żewġ avvenimenti. Bħas-snin l-imgħoddija ħadna l-fondi minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex.

## 563.8 Ilmenti u Suġġerimenti

563.8.1 Saret talba sabiex isiru parkings bays f'parti minn Triq Santa Luċija. Ħadd ma sab oġġezzjoni.
563.8.2 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa illi meta ikun ser jibda x-xogħol fi Triq San Girgor, l-ewwel isir ix-xogħol fuq nofs it-triq u imbagħad jitkompla n-nofs l-ieħor biex ma tingħalaqx
563.8.3 it-triq.
563.8.4 Il-Viċi Sindku semma l-wied tal-Lunzjata li għandu bżonn jitnaddaf qabel tibda x-xita.
563.8.5 Is-SE qalet li diġa' tkellimna mal-Ministeru għal Għawdex sabiex isir tali tindif.
L-Ambaxxatur Lokali semmiet ir-roti li ngħataw mir-Reġjun t'Għawdex. Wara diskussjoni ġie deċiż li ser joħroġ avviż fuq il-paġna ta' Facebook sabiex minn hu eliġibbli, jinkiteb u jittella' bix-xorti.

## 563.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 563.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fil-11.35am u ġiet aġġornata għat-28 ta' Settembru, 2023 f'12pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |